MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 741/2007

**Joseph Cutajar u Stefan Cutajar ghal kull interess li jista` jkollu**

**vs**

**Alfred Spiteri u martu Rena Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li fih ippremettew illi:

In forza ta` kawza fl-ismijiet inversi, u cioe` Alfred Spiteri et vs Joseph Cutajar et (Cit. No. 352/06AF), l-esponenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara lill-intimati responsabbli ghal hsarat illi gew ikkawzati f`vettura proprjeta` tal-esponenti, u cioe` vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni LTY 194, liema hsarat gew ikkawzati meta din il-vettura kienet fil-pussess

tal-intimati in forza ta` ftehim datat 30 ta` Marzu, 2006, ezebit mal-mandat ta` inibizzjoni in kwistjoni u ezebit bhala Dok. “A”.

Din il-vettura in kwistjoni, flimkien ma` vettura ohra tal-marka Peugeot, huma soggetti ghall-mandat ta` inibizzjoni in kwistjoni, li gie akkordat fil-5 ta` Gunju, 2006.

Il-vettura mertu ta` din il-kawza, u cioe` l-Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni LTY 194, inkriet lir-rikorrenti Joseph Cutajar in forza ta` skrittura privata datata 30 ta` Marzu, 2006 (Dok. A). Illi ftit tal-jiem wara, u cioe` fis-7 ta` April, 2006, ir-rikorrenti l-iehor Stefan Cutajar habat bil-vettura in kwistjoni. Illi b`segwitu tal-incident mertu ta` din il-kawza, il-vettura in kwistjoni giet dikjarata *beyond economical repair* kif jirrizulta mid-dokument hawn mehmuz (Dok. B).

Minn ftit taz-zmien wara li sehh l-incident, il-vettura in kwistjoni giet mhollija l-ewwel fil-pussess tal-*panel beater*, certu George Casha, u sussegwentement meta gie stabbilit illi l-vettura in kwistjoni ma tistax titranga, allura l-esponenti kien kostrett jikri garage sabiex il-vettura in kwistjoni titpogga fih sakemm tigi deciza din il-kawza.

Ghalkemm din il-karozza qedha prezentement f`garage u ghadha ma ssewwietx, u ma tistax tissewwa, l-esponenti ma rritornax in-*number plates* taghha lill-Awtorita` kompetenti, peress illi din il-vettura hija licenzjata bhala taxi.

L-esponenti, peress illi s-sengha tieghu hija bhala taxi driver, haseb sabiex jittrasferixxi n-*number plates* ta` din il-vettura ghal fuq vettura ohra, sabiex per lo meno jkun jista` jkompli jaghmel uzu mill-permess ta` taxi. Fil-fatt l-esponenti xtara u akkwista minghand Micheal Attard Ltd, vettura tal-marka Peugeot 406, li qabel kienet tintuza wkoll bhala taxi. Illi mal-prezenti qed jigu mehmuza kopja tal-iskrittura li in forza taghha giet akkwistata din il-vettura (Dok. C), u kopja tar-rendikont dwar il-hlasijiet dovuti mill-esponenti lil Michael Attard Limited in konnessjoni mal-istess vettura (Dok. D).

L-esponenti avvicina lill-Awtorita` dwar it-Trasport sabiex jawtorizzaw it-trasferiment tan-*number plates*, licenzja u permess ta` taxi u cioe` LTY 194, minn fuq il-vettura tal-marka Mercedes, ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot. Illi ghalkemm mhux ser jinbidel is-sid, peress illi l-proprjetarju huwa u ser jibqa` l-esponenti, l-istess Awtorita` ma setghetx tawtorizza tali trasferiment minhabba l-mandat odjern. Illi ghajr ghal din ir-restrizzjoni, l-Awtorita` ma sabet ebda oggezzjoni ghat-trasferiment imsemmi, u fil-fatt gia inhareg ic-certifikat tat-*taxi meter* sabiex din il-vettura tal-marka Peugeot tintuza bin-*number plates* LTY 194 bhala taxi (Dok. E).

L-esponenti qed isofri danni sostanzjali sakemm idum fis-sehh il-mandat ta` inibizzjoni odjern, u dan peress illi l-vettura mertu tal-kawza hija wieqfa u ma tistax tintuza, meta facilment jista` jigi awtorizzat it-trasferiment tan-*number plate* in kwistjoni ghal fuq vettura ohra funzjonanti, u dan minghajr ma jigu pregudikati b`xi mod id-drittijiet tar-rikorrenti, stante illi l-proprjetarju taz-zewg vetturi ser jibqghu ta` l-istess sid, u cioe` l-esponenti.

Ghalhekk l-esponenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza t-trasferiment tan-*number plates*, permess u licenzja, u cioe` LTY 194, minn fuq il-vettura tal-marka Mercedes ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot, u liema vetturi jibqghu proprjeta` tal-esponenti.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1 Thassar u tirrevoka, *in parte* jew *in toto*, l-mandat ta` inibizzjoni fl-ismijiet premessi, u dan taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(c) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex ikun jista` jsir it-trasferiment tan-*number plates*, permess u licenzja LTY 194 minn fuq il-vettura tal-marka Mercedes ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot.

2. Tordna wkoll, jekk ikun il-kaz, illi jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta`

Malta fil-konfront tar-rikorrenti, u taghti kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta li permezz taghha l-intimati qalu illi:

1. L-esponenti gew innotifikati b`rikors ai termini ta` l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk huma qeghdin iressqu din it-twegiba taghhom.

2. L-esponenti jaghmlu riferenza ghal digrieti moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili diversament ippresjeduta illi gja` ippronunzjaw ruhhom dwar dan il-punt u cioe` illi l-ezercizzju li ghanda taghmel il-Qorti dwar proceduri ghar-revoka ta` mandat ai termini ta` l-Artikolu 836 hawn fuq citat huwa wiehed *"prima facie"* [Ara digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef R. C. Pace datat 7 ta` Frar, 2001 fl-ismijiet 'Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Limited']. F`din il-procedura l-gudizzju li ghandha taghmel din il-Qorti huwa m`hux gudizzju dwar il-mertu izda gudizzju marbut ma` esami x`aktarx formali ta` l-att innifsu li tieghu qed jintalab it-tahsir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mill-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b`mod abbusiv. [Ara digriet datat 23 ta` Gunju, 1994 mahrug mill-Qorti tal-Kummerc per Onor. Imhallef Dr. G. Muscat Azzopardi fl-ismijiet 'Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et'.

3. F`dan l-istadju l-esponenti jaghmlu referenza ghall-fatt illi huma ressqu kontro talba in linea ta` danni li ghadha pendenti quddiem din il-Qorti hekk kif ippresjeduta u ghalhekk certament li l-imsemmi mandat huwa mehtieg halli jhares din il-pretenzjoni taghhom u dana sakemm ikun hemm gudizzju finali u definittiv f`din il-kawza.

Apparti minn hekk ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi minn meta nhareg l-imsemmi mandat sa llum il-gurnata li jimmerita li din il-Qorti tirrevedi l-posizzjoni taghha dwar il-hrug ta` l-imsemmi mandat.

In oltre, m`hemm dubbju [hekk kif jafu ben tajjeb ir-rikorrenti Alfred u Rena konjugi Spiteri] illi l-vettura li

dwarha ghamlu l-mandat ta` inibizzjoni u li r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka *'in toto jew in parte'* ghandha valur biss bin-*number plates*, licenzja u permess u m`hux minghajrhom u wahedha. Ghalhekk certament illi l-esponenti ghandhom interess car illi ghal issa l-mandat ta` inibizzjoni jibqa` hekk kif inhu minghajr mittiefes ghaliex inkella huma se jkunu skoperti f`kaz ta` ezitu finali favorevoli ghalihom.

Apparti minn hekk, certament li m`hix raguni valida halli jitnehha mandat jew parti minnu ghaliex ir-rikorrenti huwa 'taxi-driver' jew inkella ghaliex huwa xtara vettura ohra. Dawn m`humiex ragunijiet ikkontemplati fil-ligi halli a bazi taghhom jitnehha mandat.

4. Bir-rispett kollu is-socjeta` esponenti tirrileva illi dak li ghandha thares lejn din il-Qorti m`huwiex il-pregudizzju li jistghu b`xi mod isofru r-rikorrenti f`dawn il-proceduri (hekk kif qed jipprovaw jimpostaw l-argumenti taghhom) izda l-Qorti ghandha tara biss ai termini ta` l-istess Artikolu 836 jekk jissussistux xi bazi elenkata fl-Artikolu 836 liema raguni ai termini ta` l-istess disposizzjoni zgur ma jregghux fil-kaz in dizamina.

Bir-rispett kollu, ir-rikorrenti jsemmu l-paragrafu (c) li jitkellem dwar garanzija alternattiva. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda garanzija alternattiva. Ghalhekk kif setghu qatt jiccitaw din il-bazi halli jigi rrevokat l-mandat in disamina? Min-naha l-ohra zgur li l-vettura minghajr plates, permess u licenzja m`hix garanzija bizzejjed ghaliex il-valur tal-vettura in kwistjoni johrog appuntu minn dawn it-tlett affarijiet u m`hux mill-vettura nnifisha.

Ir-rikorrenti semmew ukoll illi fic-cirkostanzi m`hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat jew il-hrug tal-mandat m`ghadux wiehed aktar gustifikabbli li jinzamm fis-sehh ai termini tal-paragrafu [f]. X`inhija r-raguni gdida li hemm halli l-mandat in kwistjoni ma jibqax fis-sehh fl-intier jew f`parti minnu? X`cirkostanza gdida tezisti liema cirkostanza twassal lill-Qorti halli pendenti proceduri gudizzjarji taqbad u tnehhi mandat fil-kaz odjern?

Certament li dawn ma jezistux fil-kaz odjern u ghalhekk il-Qorti ghandha thalli kollox kif inhu.

5. Dwar l-applikazzjoni ta` l-Artikolu 838A, l-esponenti jirrilevaw illi certament li ma tissusisti l-ebda ‘kawza gusta’ fit-termini tal-ligi u anke skond l-izvilupp gurisprudenzjali tal-qrati taghna li timmerita li tigi imposta garanzija fuq l-esponenti ghaliex huma hargu l-mandat ta` inibizzjoni in kwistjoni. L-esponenti agixxew fil-parametri ta` dak li kien bi dritt li jaghmlu skond il-ligi halli l-interessi taghhom skond il-pretensjoni mressqa minnhom hekk kif dedotta fir-rikonvenzjoni fil-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti hekk kif ippresjeduta.

L-applikazzjoni o meno ta` din id-disposizzjoni tal-ligi giet ikkonsidrata mill-qrati taghna anke fil-kaz ‘Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Limited’ digriet moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta` Frar, 2001 liema ragunament gie wkoll abbraccjat fid-decizjoni ‘John Zarb vs Port Cottonera Limited’ fejn gie riaffermant il-principju li jekk persuna tigi determinata li ghandha d-dritt li tagixxi sabiex thares l-interessi taghha, ‘ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta` intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni ta` l-istess talbiet se tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma` l-mertu tal-kaz u fl-ambitu tal-kawza proprja fil-mertu”.

Huwa car kristall li m`hemm l-ebda ‘kawza gusta’ fil-kaz odjern u dana ghaliex l-istess esponenti ghamlu l-istess dak li hemm l-istess rikorrenti u cioe` hargu mandat halli jharsu l-pretensjoni taghhom pendenti ezitu finali u definittiv u ma tezisti l-ebda bazi ai termini ta` l-Art. 836(1) halli dan il-mandat jitwaqqa` *‘in toto ad in parte’* (Ara wkoll fuq dan il-punt ‘Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Steward’ (PAQC – JRM – 29-07-05); ‘Joseph Parnis vs Raymond Pace et’ (PAQC – GC – 06-04-01); ‘L-Avukat Vincent Falzon nomine vs Alexander Sullivan noe’ (PAQC – GC – 02.03.01).

Ghaldaqstant l-esponenti jirrilevaw illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Daqstant l-esponenti ghandhom l-unur iwiegbu u jhallu ghas-savju u superjuri gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat li r-rikorrent qed jaghmlu t-talba taghhom a bazi ta` l-Art. 836(1)(c) u (f) tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent odjern Alfred Spiteri huwa sid it-taxi mertu dan ir-rikors. Ma jistax juza din it-taxi ghaliex *beyond repair*. Qed jitlob biex jigi mholli jittrasferixxi l-plates taghha ta` taxi ghal fuq vettura ohra sabiex hu jkun jista` jahdem.

Joseph u Stefan Cutajar qed jopponu ghal dan peress illi l-vettura de quo ghandha valur biss bin-*number plates* licenzji u permess li ghandha. Huwa dan li ser jaghmel tajjeb f`kaz ta` ezitu favorevoli tal-kontro talba taghhom.

Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-Art. 836(1)(c) u (f). L-ewwel minn dawk is-subincizi jipprovdi ghar-revoka jew tibdil ta` mandat meta tezisti garanzija xierqa ohra. It-tieni minn dawn jipprovdi ghat-thassir ta` mandat kawtelatorju meta ma jkunx regonevoli li dan jibqa` fis-sehh.

Il-Qorti tinnota ma` l-ewwel illi dak li qed jitlob biex ikun permess li jaghmel ir-rikorrenti m`huwiex li jittrasferixxi l-vettura. Lanqas ma hu qed jitlob li jittrasferixxi l-plates tal-karozza ghal fuq terzi. Li qed jitlob effettivament hu li juza l-istess permess ta` taxi fuq vettura ohra. Il-Qorti hi tal-fehma li dan ma jkun qed inaqqas xejn mill-garanzija li bhalissa qed tkopri lil Joseph u Stefan Cutajar. Il-karozza tibqa` ta` Alfred Spiteri. Il-plates ukoll jibqghu f`isem Alfred Spiteri. Il-Qorti ma tifhimx kif tista` tonqos il-garanzija lill-Cutajar jekk isir hekk. Huwa ghal din ir-raguni li l-Qorti hi tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi li a bazi taghhom ma jkunx ragonevoli li jibqa` fis-sehh kif inhu.

Ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 838A tal-Kap. 12. Fil-fehma tal-Qorti ma tezisti ebda cirkostanza li twassal ghal din l-applikazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka in parte il-mandat ta` inibizzjoni Nru. 887/06 fis-sens illi;

1. il-vettura prezentement bil-plates LTY 194 tal-marka Mercedes Benz tibqa` ma tistax tigi trasferita.

2. Il-plates, licenzja u permess ta` taxi LTY 194 jistghu jghaddu ghal fuq il-vettura Peugeot 406 CHAS VF 38 BRH ZE 81061278 sakemm din l-istess vettura tkun registrata f`isem Alfred Spiteri.

3. Il-plates LTY 194 ma jistghux bl-ebda mod jigu trasferiti lil haddiehor.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------